# Imġieba mibdula – Ġiri ’l hemm u ’l hawn

Tagħrif dwar id-dimenzja għar-residenti, għall-familji u għall-kerers.

Persuni li jgħixu bid-dimenzja spiss iġibu ruħhom, jaħsbu u jaġixxu differenti minn kif kienu jagħmlu s-soltu.

Tibdil li jsir fil-moħħ jista’ jaffettwa l-memorja ta’ xi nies u kif isibu fejn għandhom imorru.

Xi nies li jiġġerrew ’l hemm u ’l hawn u m’għandhomx kwiet f’ġisimhom. Huma jiġġerrew għal sigħat mingħajr ma jieqfu sakemm jgħajjew. Oħrajn jimxu f’ħinijiet strambi, bħal ngħidu aħna billejl.

Persuni li jiġġerrew ’l hemm u ’l hawn għandhom mnejn jitilfu l-piż, jaqgħu, jew jintilfu u jirrabjaw persuni oħra għax jidħlu fi spazju privat.

## Xi jġiegħel li l-persuni joqgħodu jiġġerrew ’l hemm u ’l hawn?

Mhemmx risposta waħda. Persuni bid-dimenzja spiss ma jkunux kapaċi jispjegaw xi jridu jew x’qed iħossu.

Huma għandhom mnejn jiġġerrew ’l hemm u ’l hawn biex jnaqqsu l-istress. Jista’ wkoll ikun sinjal li l-persuna tkun qed tħossha imdejqa, inkwetata jew imbeżża’, u ma tafx aktar x’taqbad tagħmel.

Jekk persuna bid-dimenzja tiġġerra ’l hemm u ’l hawn, dan għandu mnejn ikun għax ikollhom xi problema u għandhom bżonn l-għajnuna dwarha. Dawn jistgħu jkunu affarijiet bħal:

- tkun muġugħa
- ikollha konstipazzjoni, deidrattazzjoni jew għandhom infezzjoni.
- effetti sekondarji ta’ xi mediċini
- iħossuhom aġitati jew anzjużi
- ikunu jridu jitilqu mill-post fejn qegħdin
- ikunu għajjenin jew isibuha bi tqila jorqdu
- għandhom bżonn jużaw it-tojlit imma mhumiex kapaċi jitolbu l-għajnuna
- jilbsu ħwejjeġ li mhumiex komdi

Persuni li jiġġerrew ’l hemm u ’l hawn għandhom mnejn ukoll ikunu qed ifittxu xi ħaġa, bħal:

- jippruvaw jissodisfaw ħtieġa bażika bħal ġuħ, għatx jew qed iħossu wisq sħana jew bard
- qed ifittxu post fejn iħossuhom komdi
- qed ifittxu membru tal-familja jew maħbub/a tagħhom bħal ġenitur, aħwa jew tfal
- jippruvaw imorru lura għal post familjari, bħal ngħidu aħna kamrithom jew imorru lura d-dar
- jagħmlu xi ħaġa mill-passat, bħal imorru x-xogħol jew jiġbru lit-tfal.

VICTORIA State Government | Health and Human Services

# Tieħu ħsieb xi ħadd li jiġġerra 'l hawn u 'l hemm

- Żgurahom u ibqa' kalma.
- Fittex raġunijiet fl-esperjenzi tal-ħajja passata tal-persuna.
- Xi persuni dejjem kienu jieħdu pjaċir jimxu u jridu jkomplu jagħmlu dan. Ara li jistgħu jsibu post bla periklu fejn jagħmlu dan.
- Ħafna persuni jiġġerrew 'l hemm u 'l hawn fl-istess ħin tal-ġurnata. Ħallihom jiġġerrew 'l hemm u 'l hawn, u imxi magħhom.
- Offrilhom postijiet fejn jistrieħu matul il-mixja.
- Agħtihom eżerċizzji oħra x'jagħmlu bħala attività differenti.
- Meta jieqfu, offrilhom ikel jew xi xarbiet u attivitajiet oħra pjaċevoli bħal smigħ ta' mużika, biex ikunu jistgħu jistrieħu.

## Naħdmu flimkien

Il-familji u l-kerers huma l-aħjar li jifhmu lill-persuna li qed tgħix bid-dimenzja.

Naħdmu flimkien mal-istaff biex naqsmu t-tagħrif. Dan jgħin biex jiżviluppaw pjan ta' kura li hi ċċentrata fuq il-persuna. Fittex x'qed jattiva l-imġieba tal-persuna għax dan jista' jgħin biex itaffiha.

Tkellem mall-istaff u staqsi mistoqsijiet dwar l-aqwa kura tad-dimenzja.

## Mistoqsijiet li għandek tistaqsi lill-istaff

- Iċċekkjajt jekk hemmx uġigħ, mard jew infezzjoni?
- Ġie implimentat pjan ta' kura biex jgħin lill-istaff jimmaniġġja l-imġieba ta' ġiri 'l hemm u 'l hawn?
- Hemm speċjalist tad-dimenzja involut fil-pjan tal-kura?
- Ġie implimentat pjan jekk persuna aċċidentalment titlaq minn bini jew tintilef?



Ċaħda: Dan it-tagħrif dwar is-saħħa hu għall-skopijiet ġenerali biss. Jekk jogħġbok kellem lit-tabib tiegħek jew lill-professjonist ieħor tas-saħħa biex tara li dan it-tagħrif jgħodd għalik.

Biex tirċievi din il-pubblikazzjoni f'format aċċessibbli ibgħat email lil acqiu@dhhs.vic.gov.au

Awtorizzat u ppubblikat mill-Gvern ta' Victoria, 1 Treasury Place, Melbourne.
© State of Victoria, Department of Health and Human Services, Ġunju 2016. ISBN 978-0-7311-6808-8
Jinstab f'https://www2.health.vic.gov.au/ageing-and-aged-care/residential-aged-care/safety-and-quality/participating-with-consumers